MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 159/2018 LM

**Mark Egi Bandolin**
*(l-appellant)*

***vs.***

**The Central Visa Unit**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Mark Egi Bandolin** (minn issa 'l quddiem "l-appellant"), mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni (minn issa 'l quddiem "il-Bord"), liema deċiżjoni huwa ġie notifikat biha fit-30 ta' Ottubru, 2018, (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), u li permezz tagħha l-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent.

**Fatti**

2. Dan l-appell ġie intavolat mill-appellant, persuna ta' nazzjonalità Filippina, wara deċiżjoni li ngħatat mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, li rrifjuta l-appell tiegħu wara li dan kien applika mal-intimata, hawnhekk "l-appellata", **The Central Visa Unit**, għal estensjoni tal-visa peress li huwa kien qiegħed jsegwi kors fl-istitut tal-*Business Management & Commerce* ġewwa l-Malta College of Arts, Science and Technology (l-MCAST). L-appellata kienet waslet għad-deċiżjoni li r-rikorrent m'għandux jingħata estensjoni tal-visa sabiex ikun jista' jibqa' Malta, wara li qieset li l-informazzjoni pprovduta minnu, u li fuqha kien qiegħed jibbaża t-talba tiegħu, ma kinitx informazzjoni ta' min jorbot fuqha.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent intalab jippreżenta dokumentazzjoni u informazzjoni li abbażi tagħha l-Bord seta' jevalwa l-appell tiegħu wara li l-appellata ddeċidiet li m'għandhiex tikkonċedilu l-estensjoni tal-visa li kien applika għaliha. Kienet omm ir-rikorrent li ppreżentat xi dokumenti quddiem il-Bord wara li r-rappreżentanti tal-MCAST, li hija l-istituzzjoni edukattiva fejn l-appellant kien qiegħed isegwi kors ta' tagħlim u taħriġ, irrifjutat li tagħti l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni mitluba mill-Bord, minħabba konsiderazzjonijiet ta' protezzjoni u sigurtà tad-data. Jirriżulta li omm l-appellant ippreżentat xi dokumenti quddiem il-Bord, imma d-dokumenti li ppreżentat ma kinux

kompluti. Fost dawn id-dokumenti, kien hemm ir-*records* tal-attendenza tal-appellant għall-kors li kien qed jsegwi ġewwa l-MCAST, liema *records* iżda ma kinux ikopru t-terminu komplut tal-kors, iżda parti minnu biss. Mir-*records* ippreżentati minn omm l-appellant, jirriżulta li l-appellant attenda għal wieħed u ħamsin fil-mija (51%) tal-lezzjonijiet u għas-sessjonijiet ta' taħriġ li kellu jattendi għalihom. Din il-Qorti semgħet lill-avukat difensur tal-intimati jispjega li f'każijiet bħal dawn, persuna jkun eliġibbli għal estensjoni tal-visa f'każ biss li jiġi ppruvat li jkun attenda għal 75% tal-lezzjonijiet tal-kors li jkun qiegħed isegwi hawn Malta.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2018, il-Bord iddeċieda l-appell li ġie ppreżentat mir-rikorrent wara li fis-27 ta' Frar, 2018 huwa kien ġie infurmat mill-appellata li l-applikazzjoni tiegħu biex tinħariġlu visa kienet ġiet miċħuda. Il-Bord iddeċida:

> "***Preliminary***
>
> *The Board:*
>
> *Saw that by means of a decision issued on 27th February 2018, the relative application for a visa was rejected for the following reason:* "The information submitted regarding the justification for the purpose and conditions of the intended stay was not reliable," *and*
>
> *Saw that the relative appeal was filed on 13th March 2018.*

***Submissions and evidence***

*The Central Visa Unit (CVU) informed the Board that the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST), where the appellant was studying, refused to submit information relating to the regularity of the appellant's attendance. However, it seemed that the documentation relating to the appellant's attendance was provided by the appellant's mother. This documentation showed that his attendance rate stood at 51%.*

*In his appeal, the appellant asked to be allowed to finish his course, which was due to end in July 2018.*

*On 17th July 2018, the Board issued a decree wherein it ordered MCAST to co-operate with the CVU and therefore, to submit the appellant's full and unabridged attendance records. The Board's purpose in so doing was simply to have before it full information in the interests of justice.*

*The Board applauds the seriousness with which MCAST seems to treat students' data and appreciates that the CVU's request as well as the Board's decree caused it considerable consternation. Indeed, the Board saw the considerable volume of correspondence exchanged between the Board's secretariat, MCAST personnel and even the information and Data Protection Commissioner, who was consulted by MCAST. The Board also noted that meetings between Identity Malta and MCAST took place in order to resolve the matter.*

*The Board observes that Article 25A of the Immigration Act empowers the Board to hear and determine appeals or applications in virtue of the same law or in virtue of any other law. From this, the Board logically concludes that in the process of hearing and determining appeals or applications, it is empowered to order the production of particular information or documentation.*

*In relation to visa requirements, the Board notes the applicability of Regulation 25(2) of S.L. 327.433 which states that the Principal Immigration Officer (PIO) may require student attendance records as evidence that foreign students satisfy visa requirements relating to attendance and academic performance. If the PIO has the authority to require attendance records, then it stands to reason that the Board, which is tasked with adjudicating the relative appeals, also has the necessary power to require information or documentation to be submitted before it. This power emanates from Article 25A of the Immigration Act which empowers it to hear and determine appeals. In order to hear and determine appeals, the Board may also*

*require parties to provide certain information so as to enable it to decide the relative appeals according to law.*

*The Board understands that MCAST may well have wished to be absolutely sure that it was not violating data protection regulations in providing the relative information to the CVU and indeed, acted quite responsibly in asking (via e-mail) for the request to be substantiated by quoting the letter of the law.*

*This Board is tasked with adjudicating appeals and is also considered to be an administrative tribunal in terms of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta). Therefore, MCAST should have provided the evidence indicated in the decree and in order to lay its concerns to rest, could have easily obtained the student's consent. After all, it was the student's mother herself, who according to the submissions of the CVU, submitted the relative attendance records of the CVU. The provision of the relative attendance records was in the student's own best interests.*

*Since MCAST failed to provide the required information, the Board was unable to assess the appellant's attendance rate and as a result, considers that the CVU was justified in rejecting the application in view of MCAST's own failure to provide the required information.*

***Decision***

*Therefore, for the reasons stated hereinabove, the Board rejects the appeal."*

## L-Appell

5. L-appellant ippreżenta l-appell tiegħu fid-9 ta' Novembru, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni li permezz tagħha ddeċieda illi l-appell intavolat għandu jiġi rrifjutat billi minflok tilqa' t-talba tal-esponenti biex tiġi milqugħa jew ikkunsidrata mill-ġdid l-applikazzjoni tiegħu, u dan skont dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ."*

L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord għaliex l-informazzjoni li kellu l-Bord għad-dispożizzjoni tiegħu u li abbażi tagħha ġie rrifjutat l-appell tal-appellant, kienet informazzjoni parzjali u limitata għal perijodu ta' żmien. L-appellant spjega li huwa kien beda jattendi l-MCAST sabiex isegwi l-kors tal-għażla tiegħu fit-13 ta' Novembru 2017, u dan minkejja li l-kors kien beda fit-6 ta' Novembru 2017, u spjega li dan kien minħabba problemi finanzjarji kif ukoll minħabba problemi oħra li huwa kellu sakemm integra ruħu fis-sistemi u l-ħajja f'pajjiż ġdid. Qal ukoll li l-kors inkwistjoni kien jispiċċa f'Mejju ta' wara u mhux f'Ġunju. L-appellant spjega li mal-wasla tiegħu f'Malta huwa ma kienx jattendi għal-lezzjonijiet għaliex beda jsibha diffiċli li jintegra u jidra s-sistema, kif spjegat tajjeb l-avukat difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni tagħha. L-appellant qal li peress li l-Bord ikkunsidra biss l-informazzjoni parzjali u limitata li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, dan injora l-fatt li huwa attenda għal ammont konsiderevoli ta' lezzjonijiet u sessjonijiet ta' taħriġ li kien obbligat li jattendi għalihom fl-MCAST, u fl-aħħar tas-sena akkademika huwa kien għadda mill-eżamijiet u tħalla jipproċedi biex ikompli jsegwi l-kors ta' studju tiegħu fil-livell li jmiss. L-appellant sostna li minħabba in-nuqqas ta' ftehim bejn il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni u l-MCAST m'għandux ibati hu billi jitkeċċa minn Malta. In vista ta' din l-ispjegazzjoni, l-appellant qal li huwa qiegħed isejjes l-appell tiegħu fuq żewġ aggravji: (i) id-deċiżjoni appellata ttieħdet abbażi tal-fatt li l-MCAST naqas milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa, meta l-Bord kellu s-setgħa jitlob din id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni sabiex ikun jista' jevalwa t-talba tal-appellant. Intqal ukoll li kieku din l-informazzjoni intalbet lill-appellant, dan kellu kull interess li jikkoopera mal-awtoritajiet; (ii) l-appellant qiegħed fil-

proċess li jibni ħajtu hawn Malta. Ġie spjegat li omm l-appellant, li romlot riċentement, ilha numru ta’ snin tgħix u taħdem hawn Malta, u hija għandha permess ta’ residenza biex tibqa’ tirrisjedi hawn Malta. L-appellant qal li hu jixtieq li jingħaqad ma’ ommu u jibni l-ħajja tiegħu f’pajjiżna.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

6. L-appellata fir-risposta tagħha wieġbet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma. Preliminarjament ġie eċċepit li *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217, l-Att dwar l-Immigrazzjoni, id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli hija waħda finali u m’hemmx appell minnha, għajr fuq punti ta’ dritt. L-appellata wieġbet li bħala regola ġenerali, l-apprezzament tal-fatti minn qorti jew tribunal tal-ewwel grad m’għandux jiġi ddisturbat salv fejn huwa evidenti li d-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel qorti jew tribunal hija waħda żbaljata, u fejn huwa ċar li jekk din tiġi applikata ser tiġi kkreata inġustizzja. L-intimata fir-risposta tagħha qalet li l-appellant naqas milli juri kif l-interpretazzjoni tal-provi li kellu quddiemu l-Bord kienet waħda tant żbaljata li ser tikkrea inġustizzja. L-appellata qalet li għall-estensjoni tal-visa, l-appellant kellu jissodisfa r-rekwiżit li huwa attenda għal ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-kors fl-MCAST, imma mid-dokumenti ppreżentati minn omm l-appellant jirriżulta li dan attenda biss għal wieħed u ħamsin fil-mija (51%) tal-lezzjonijiet. Il-Bord kellu joqgħod fuq l-informazzjoni pprovduta lilu, u f’dan il-każ ma nġabet l-ebda prova li l-appellant attenda għal tal-anqas ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-kors. L-appellata qalet li meta persuna tappella minn deċiżjoni tal-Bord, huwa l-

appellant li jrid jippreżenta u jsaħħaħ il-każ tiegħu, u f'dan il-każ jirriżulta li kien l-appellant li kapriċċożament naqas milli jressaq il-provi u d-dokumenti kollha li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Il-Qorti kkunsidrat il-fatti li wasslu lill-partijiet għall-vertenza odjerna. Jirriżulta li l-appellant, persuna ta' nazzjonalità Filippina, kien applika sabiex jingħata estensjoni għall-visa li permezz tagħha seta' jibqa' Malta, fejn ommu qiegħda taħdem u tgħix, u fejn huwa beda jsegwi kors ta' studju ġewwa l-MCAST. L-appellata irrifjutat it-talba tiegħu wara li qieset li l-informazzjoni pprovduta minnu ma kinitx informazzjoni ta' min jorbot fuqha. Kien għalhekk li l-appellant appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord. Jirriżulta mill-provi li minkejja li l-Bord għamel l-almu tiegħu sabiex jikseb l-informazzjoni dwar l-attendenza tal-appellant għall-kors li kien qiegħed isegwi, billi anki kkomunika mal-MCAST, din l-informazzjoni baqgħet ma ngħatatx għax l-MCAST qal li kien preklużż milli jagħmel dan għal raġunijiet ta' ħarsien u protezzjoni tad-data. Kien hawnhekk li omm l-appellant, wara li kisbet l-informazzjoni relattiva għal parti biss mis-sena akademika li matulha l-appellant attenda għal dan il-kors, ippreżentat id-dokumentazzjoni li rnexxielha tikseb għall-konsiderazzjoni tal-Bord. Naturalment il-Bord kellu jiddeċiedi dwar it-talba tal-appellant abbażi tal-informazzjoni u tal-provi li kellu quddiemu, anki jekk din ma kinitx informazzjoni kompluta jew li tkopri s-sena akkademika kollha li matulha l-appellant segwa kors fl-MCAST.

8. Il-Qorti tqis li ladarba l-Bord ma kienx edott mill-fatti kollha, dan ma setax jasal għal deċiżjoni li tista' titqies li hija korretta. Fil-fatt mill-provi dokumentarji esebiti quddiem din il-Qorti, u li jidher li l-appellant irnexxielu jakkwista wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri quddiem il-Bord, jirriżulta li l-appellant attenda għal madwar disgħa u sebgħin fil-mija (79%) tal-lezzjonijiet li kien obbligat jattendi għalihom, u anki segwa taħriġ u lezzjonijiet fit-tagħlim tal-lingwa Maltija. Il-Qorti hija tal-fehma li d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord ma setgħetx tkun waħda ġusta, ladarba kienet bbażata fuq informazzjoni li ma kinitx kompluta u li ma tagħtix stampa sħiħa tal-fatti kollha. Dan ma jfissirx li kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-Bord, anzi jirriżulta li l-Bord għamel l-almu tiegħu biex jikseb l-informazzjoni kompluta u talab li jingħata d-dokumentazzjoni relattiva kollha mill-MCAST li abbażi tagħha seta' jasal għall-konklużjoni tiegħu. Imma minkejja dawn l-isforzi, din l-informazzjoni xorta waħda baqgħet ma ngħatatx lill-Bord.

9. Il-Qorti tqis li talba għal estensjoni tal-visa hija talba li tolqot id-dritt fundamentali tal-persuna li tgawdi l-familja tagħha, partikolarment quddiem ċirkostanzi fejn l-appellant telaq minn pajjiżu, u ġie jistudja hawn Malta hekk kif ommu sabet impjieg hawnhekk wara li romlot. L-appellant qal li huwa jixtieq jibni l-futur tiegħu f'Malta. Hija tassew ħasra li istituzzjoni edukattiva ewlenija bħalma hija l-MCAST, flok ipprovdiet l-informazzjoni li l-appellant wara kollox kellu kull dritt għalija, spiċċat tinvoka d-dispożizzjonijiet li jħarsu d-data tal-individwu u ċaħdet lill-appellant mid-dritt li jiddefendi l-appell tiegħu bl-aħjar mod u li dan jinstema' u jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu. Għal xi raġuni li żgur mhijiex id-*data protection,* għax l-informazzjoni li l-appellant kien

qed jitlob li tiġi ppreżentata quddiem il-Bord kienet tikkonċerna lilu, l-MCAST naqas milli jipprovdi l-informazzjoni rikjesta li kienet indispensabbli għall-Bord sabiex ikun jista' jagħmel ġustizzja mal-appellant.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-aggravji tal-appellant huma ġustifikati u qiegħda tilqagħhom. Filwaqt li tordna li l-atti proċesswali jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex wara li ssir evalwazzjoni tal-provi u tal-informazzjoni sħiħa li abbażi tagħha l-appellant qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu, il-Bord jkun jista' jagħti deċiżjoni ġusta dwar it-talbiet tal-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi:**

**1. Tilqa' l-aggravji tal-appellant u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni fil-15 ta' Ottubru, 2018 li permezz tagħha ddeċieda illi l-appell intavolat mill-appellant għandu jiġi rrifjutat;**

**2. Tilqa' t-talba tal-appellant biex il-Bord jikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni tiegħu, u tordna li l-atti proċesswali jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex dan jieħu konjizzjoni tal-fatti u tal-provi kollha, u jagħti deċiżjoni dwar it-talba oriġinali tal-appellant għal estensjoni tal-*visa* tiegħu;**

**3. Tordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-Prinċipal u lir-*Registrar* tal-MCAST.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu mhux intaxxati bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**